# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 424/2012/LSO**

**Malta Dental Technologists Association rapprezentata minn John Salomone Reynaud (I.D. no. 756753M), u l-istess John Salomone Reynaud f' ismu proprju**

**vs**

**Superintendent tas-Sahha Pubblika u Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ tal-Malta Dental Technologists Association rapprezentata minn John Salomone Reynaud (I.D. no. 756753M), datat 27 ta’ April 2012, u l-istess John Salomone Reynaud f’ ismu proprju espona: -

Illi wiehed mill-ghanijiet tal-Malta Dental Technologists Assocation huwa li jizgura illi Clinincal Dental Technologists f’ Malta jinghataw gharfien u l-pozizzjoni taghhom tigi regolarizzata mhux biss *vis-a-vis* l-awtoritajiet tas-sahha f’ Malta, izda wkoll *vis-a-vis* is-sistema f’ Malta.

Illi l-Malta Dental Technologists Association kienet ilha tipprova matul diversi snin biex tintroduci kors fl-Universita` ta' Malta, sakemm irnexxielha, li jwassal ghal karriera bhala "Dental Technologist". Ghal din ir-raguni, l-ghan prezenti taghha huwa li tassigura li dawk kollha li jiggradwaw mill-Universita` ta' Malta jkollhom l-opportunita` li jkomplu bl-istudji taghhom sabiex jikkwalifikaw bhala "Clinical Dental Technologists" (f’ Malta jew barra minn Malta) sabiex il-pazjenti jgawdu access ghal servizzi godda li fil-prezent m'humiex regolarizzati. Dan ifisser illi tkun disponibbli ghall-pazjenti l-possibbilita' ta' 'removable oral appliances' (dentures) skont il-htigijiet u l-ghazliet taghhom.

Illi l-*policy* fil-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea tinkludi caqlieq liberu u stabbiliment tas-servizzi *(free movement and establishment of services)* kif ukoll moviment liberu tal-haddiema/professjonisti *(free movement of workers/professionals).* Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea tiffavorixxi l-kompetizzjoni hielsa u t-titjieb fis-servizzi tas-sahha bhala rizultat ta' caqlieq transkonfinali *(cross border movement)* u l-politika ta' suq wiehed *(single market policy).*

Illi Clinical Dental Technologists huma esperti fil-qasam ta' 'dental appliances' u ghalhekk huma kapaci mhux biss li jiddedikaw attenzjoni specjali fir-rigward tal-forma, manifattura u disinn ta' tali 'dental appliances', izda wkoll li jipprovdu lill-pazjenti taghhom bi stabbilita` tad-dentiera, f' iqsar zmien. Similment, is-servizzi taghhom igibu kompetizzjoni sana bi spiza aktar vantaggjuza ghal 'removable oral appliances' u dan ghall-beneficcju tal-pazjent / klijent / 'end-user'.

Illi l-qasam tal-prattika ta' Clinical Dental Technologists jinkludi l-manifattura ta' dentieri, il-manifattura ta' snien foloz, xoghlijiet ohra ancillari bhal tiswijiet, zidiet u alterazzjonijiet lil dentieri. Dejjem kienet ir-regola li jekk Clinical Dental Technologist jiltaqa' ma' kundizzjoni patologika jew difett patologiku, huwa jew hija tirreferi l-pazjent ghand dentista qabel ma timmanifattura d-dentiera jew 'dental prosthesis' direttament ghall-pazjent.

Illi d-Direttiva 2005/36/EC tiggarantixxi lill-persuni li jkunu kisbu l-kwalifiki professjonali fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jkollu access ghall-istess professjoni u li jezercitaha fi Stat Membru iehor u dan bl-istess drittijiet bhal professjonisti nazzjonali.

Illi bil-ghan li jigi assigurat futur ahjar ghal dawk kollha li jikkwalifikaw bhala Clinical Dental Technologists sabiex jiccaqilqu minn Stat ghall-iehor u joffru s-servizzi taghhom li jkunu rikonoxxuti mill-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea, hu mehtieg illi Clinical Dental Technologists jinghataw gharfien mill-awtoritajiet tas-sahha f' Malta u li l-professjoni taghhom tinghata gharfien ukoll barra minn Malta. B'dan il-mod biss jistghu jkunu liberi li jiccaqilqu minn pajjiz ghall-iehor tal-Unjoni Ewropea u jipprovdu s-servizzi taghhom f' dawn il-pajjizi.

Illi recentement l-ewwel intimat permezz tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina gharraf lil applikant minn Stat Membru iehor illi l-professjoni ta' Clinical Dental Technician mhix rikonoxxuta mill-imsemmi Kunsill hawn Malta.

Illi l-ghan ahhari tal-Malta Dental Technologists Association u ta' assocjazzjonijiet ohra barra minn Malta fi hdan l-International Federation of Denturists huwa li jigi assigurat illi Clinical Dental Technologists ikunu regolati u jinghataw gharfien mill-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea, konformement mal-*policies* dikjarati tal-Unjoni Ewropea fuq

caqlieq ta' servizzi u haddiema *(free movement of services and workers).*

Illi Clinical Dental Technologists urew matul il-kors tas-snin illi qatt ma kienu ta' theddida ghas-Sahha Pubblika.

Illi filwaqt li fir-rigward ta' certi oqsma ohra tal-kura tas-sahha jista' jkun gustifikat illi xi ghamla ta' servizzi tkun riservata ghal persuni li jappartjenu lill-professjoni medika, per ezempju, certi servizzi relatati mal-kura ta' l-ghajnejn, ghar-raguni li jekk tali servizz ma jigix moghti kif ghandu jkun u konformement ma' *standards* medici stabbiliti l-pazjent jista' jigi espost ghal hsara irriversibbli (e.g. isofri hsara serja fil-vista tieghu), fil-kaz ta' Clinical Dental Technologists bhala Allied/Oral Health Care Professionals, dan ir-riskju huwa inezistenti ghas-semplici raguni illi jekk dentiera tkun difettuza, l-unika konsegwenza tkun dik id-'dental appliance' difettuza tkun trid tigi aggustata jew mibdula. Ghal dina r-raguni, id-Direttiva 2005/36/EC fuq ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professionali, filwaqt li tippermetti li xi Stati Membri jimponu certi restrizzjonijiet ghal ragunijiet ta' protezzjoni lill-komsumatur u ta' sodisfazzjon tal-pazjent anki fil-kaz ta' 'oral health care professionals', din ma tapplikax ghal Clinical Dental Technologists.

Illi meta l-intimati gew interpellati bit-talbiet gudizzjarji tar-rikorrenti permezz ta' ittra ufficjali, il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina, ma rrispondiex, filwaqt li s-Supretendent tas-Sahha Pubblika rrespinga l-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Illi filwaqt li s-Supretendent tas-Sahha Pubblika issa qed ighid li mhix il-mansjoni tieghu illi jemenda t-Tielet Skeda ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha, f' korrispondenza precedenti huwa kien tenna li "there is no indication to establish Clinical Dental Technology as a separate regulated Health Care Profession distinct from Dental Technology as currently regulated under the Health Care Professions Act." (ittra datata 7 ta' Mejju 2008).

Illi l-Assocjazzjoni ma taqbilx ma' dan, l-istess kif ma taqbilx illi l-*unit course* fl-Universita' jitnaqqas minn erbgha (4) ghal tliet (3) snin, u dan peress illi meta jitqies in-numru ta' sighat mehtiega ghal dan il-*unit course*, ma jkunx prattiku li jkun hemm tnaqqis b'sena u tinholoq diskrepanza materjali ma' *allied health care professions* ohra regolati mill-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna lill-intimati sabiex jiehdu l-azzjoni mehtiega sabiex Clinical Dental Technologists maghrufa wkoll bhala Denturists jinghataw gharfien mill-awtoritajiet tas-sahha f' Malta;

2 Tordna lill-intimati sabiex jipprocedu bir-registrazzjoni ta' Clinical Dental Technologists minn Stati Membri ohra tal-Unjoni Ewropea li japplikaw lokalment

sabiex ikunu jistghu jezercitaw il-professjoni taghhom f' Malta;

3. Tordna illi dawk il-"Clinical Dental Technologists" li jezercitaw il-professjoni taghhom f' Malta u li huma wkoll membri tal-International Federation of Denturists ikunu awtomatikament eligibbli ghal registrazzjoni mill-awtoritajiet tas-sahha f' Malta;

4. Tiddikjara illi Clinical Dental Technologists mhumiex necessarjament obbligati li jipprovdu s-servizzi taghhom biss wara li kaz jigi riferit lilhom minn dentisti.

5. Tiddikjara illi l-*unit course* fl-Universita` m'ghandux jitnaqqas minn erba' (4) snin ghal tliet (3) snin hlief b'sentenza tal-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti. Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Gunju 2012.

Rat ir-risposta mahlufa ta' l-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika datata 26 ta' Gunju 2012 (fol 12) fejn ikkonferma:

**Eccezzjonijiet**

1. Preliminarjament, in-nullita` tar-rikors mahluf *stante* li r-rikors ma fihx tifsira b'mod car u sewwa ta' l-oggett tal-

kawza, kif rikjest mill-Artikolu 156(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet Malta;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi, ghar-rigward ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u *r-raba'* talbiet tar-rikorrenti, u in kwantu sabiex jintlaqghu dawn it-talbiet jkun hemm bzonn bidla fil-ligi vigenti, l-intimat mhuwiex il-legittimi kuntradittur;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi, ghar-rigward tal-hames talba tar-rikorrenti, l-intimat mhuwiex il-legittimu kuntradittur *stante* illi l-intimat mhuwiex reponsabbli ghat-tfassil tal-kontenut ta' korsijiet offruti mill-Universita' ta' Malta;

4. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-intimat dejjem agixxa skont il-ligi vigenti u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigi milqugha;

5. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* illi, *inter alia,* ma hemm l-ebda ligi li tobbliga lill-intimat jaghmel dak li qed jintalab jigi ordnat jaghmel permezz tat-talbiet tar-rikorrenti;

6. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina, hekk kif irrapprezentata minn Gillian Mifsud, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 99368(M), fil-kapacita' taghha bhala Registratur tal-istess Kunsill datata 13 ta' Lulju 2012 a fol 27 tal-process fejn esponiet:

1. Illi preliminarjament, il-Kunsill esponenti mhuwiex legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna, u dan *stante* illi t-talbiet attrici mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti effettivament jirrikjedu (fil-kaz dejjem illi jkunu milqugha), tibdil fil-provvedimenti tal-ligi illi jirregolaw il-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina, u cioe' il-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll il-Legislazzjoni Sussidjarja 464.10 illi tikkontjeni *'Regolamenti li jaghmlu Ordnijiet Permanenti ghall-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina'.*

Illi ghandha tingibed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lejn il-fatt illi mhux kompitu tal-Kunsill esponenti illi jeffetwa t-tibdil jew varjazzjoni fil-ligi fuq indikata. Ir-rwol illi jista' ghandu l-Kunsill f' dan ir-rigward u cioe' l-ghoti tar-rakkomandazzjoni tieghu, huwa rwol limitat ghall-ahhar u bl-ebda mod ma huwa ta' natura determinanti.

Illi minn barra dan, issir referenza partikolari ghall-hames talba attrici illi tikkoncerna t-tnaqqis fiz-zmien tal-'unit course' fl-Universita' ta' Malta minn erba' (4) ghal tliet [3] snin. Jigi osservat illi lanqas it-tfassil tal-korsijiet universitarji ma jaqa' fil-kompitu tal-Kunsill esponenti, u dan

*stante* illi l-istess Kunsill ghandu wkoll rwol limitat f' dan ir-rigward. Hekk fil-fatt il-Kunsill hawn imsemmi huwa involut biss billi dan jaghti l-approvazzjoni tieghu fil-kaz illi jkun ser isir xi tibdil f'kors universitarju hekk kif hawn indikat. Jerga' jigi reiterat illi ma huwiex kompetenti l-Kunsill esponenti illi jiehu decizjonijiet ta' natura finali f'dan ir-rigward. Jinghad ukoll b'referenza partikolari ghall-kontenut tal-hames talba attrici, illi r-rwol tal-Kunsill esponenti u l-approvazzjoni illi huwa ghandu l-poter illi jaghti jew jichad f'dawn ic-cirkostanzi, mhuwiex inkluz u bl-ebda mod ma huwa indikat fit-talbiet attrici.

*In visto* tas-suespost ghalhekk jigi umilment sottomess illi ma ghandu jkollha l-ebda dubju din l-Onorabbli Qorti dwar il-fatt illi l-Kunsill esponenti <u>mhuwiex legittimu kuntradittur</u> fil-kawza odjerna, u ghaldaqstant, l-istess Kunsill esponenti ma ghandux jirrispondi ghat-talbiet imressqa mill-atturi.

2. Illi <u>minghajr pregudizzju</u> ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan *stante* illi l-Kunsill esponenti dejjem segwa l-provvedimenti tal-ligi illi jirregolaw propju l-gharfien tal-professjonijiet kumplimentari ghall-medicina. Fil-verita' l-professjoni ta' Clinical Dental Technologist ma hijiex inkluza fl-imsemmija provvedimenti, u dan fil-fatt propju jikkostitwixxi r-raguni a bazi ta' liema gie ntavolat ir-rikors promotur da parti tal-atturi.

Illi wkoll <u>minghajr pregudizzju</u> ghal dak kollu hawn espost, tingibed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lejn il-fatt illi l-professjoni ta' Clinical Dental Technologist mhix inkluza

ma' dawk il-professjonijiet regolati taht il-Kodici ta' Etika relevanti u prezentement vigenti, u cioe' *'Code of Professional and Ethical Conduct for Dental Technologists'.* Hekk ukoll il-*'Code of Practice - Dental Technology'* jistipula b'mod car fl-Ewwel Regolament illi *'All registrants must...(e)abide by the prescription issued by the dentist'.*

Illi b'referenza ghar-raba' talba ghalhekk, hekk kif kontenuta fir-rikors promotur, jinghad illi l-atturi qeghdin permezz tal-istess talba, propju jippretendu illi din l-Onorabbli Qorti taghti ordni illi sahansitra evidentement tmur a kuntrarju ta' dak istipulat fil-kodici illi jirregolaw il-principji tal-etika u tal-prattika tal-professjoni ta' Dental Technologists,

Illi jinghad ukoll f' dan ir-rigward illi filwaqt illi huwa l-Kunsill esponenti illi ghandu s-setgha illi jeffetwa t-tibdil fil-fuq imsemmija Kodici, l-istess tibdil ma jistax isehh minghajr l-approvazzjoni u s-sanzjonar min-naha tal-Awtorita'. ]igi ghalhekk reiterat illi r-raba' talba mressqa mill-atturi certament ma tistax titqies bhala accettabbli minn din l-Onorabbli Qorti, u dan ukoll *in vista* tal-fatt illi ma saret ebda talba da parti tal-atturi sabiex filfatt pgi effettwat it-tibdil fil-kodici relevanti, liema tibdil huwa evidentement necessarju illi jsir fil-kaz illi t-talbiet attrici l-ohra kellhom jigu milqugha.

Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datata 27 ta’ Frar 2014 a fol 195 tal-process fejn espona :

Illi permezz ta' rikors li jinsab fl-atti ta' dina l-kawza, l-esponenti, wara li ffissru l-iskop ghat-talba minnhom proposta, talbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali sabiex jikkomunika lir-Registru tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (Lussemburgu) permezz ta' posta registrata d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex il-kwistjoni preliminari tigi deciza minn dik il-Qorti skont il-procedura indikata fil-Kapitolu 9 tar-Regoli Procedurali tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Istatut ta' l-istess Qorti.

Illi l-esponenti issa ressqu l-parti l-kbira tal-provi taghhom, u ghalhekk it-talba ghal riferenza preliminari ma tistax tistenna izjed.

Illi l-mistoqsijiet proposti minnhom huma dawn:

1. Jekk id-Direttiva 2005/36/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005, imsejha l-Professional Qualifications Directive, ghandhiex tigi applikata fir-rigward ta' *clinical dental technologists* peress illi jekk dentiera tkun difettuza, l-unika konsegwenza tkun li dik id-'dental appliance' difettuza tkun trid tigi aggustata jew mibdula, minghajr l-ebda periklu ghall-pazjent.

2. Jekk il-projbizzjoni li qieghda tigi kkontestata ma tistax isservi biex tassigura l-objettiv li jkun hawn livell gholi ta'

harsien tas-sahha pubblika peress li kull dentiera difettuza tista' tigi mibdula minghajr l-ebda periklu ghall-pazjent.

3. Jekk il-projbizzjoni li qieghda tigi kkontestata hijiex konformi mad-Dritt Komunitarju minhabba li hija ta' ostakolu ghal holqien ta' Single Market, u ghall-principji ta' Free Movement of workers and services, Cross-border Healthcare u Mutual Recognition of Qualifications.

4. Jekk hux qed jigi vvjolat il-principju tal-proporzjonalita' minhabba l-mod kif il-konvenut Superintendent tas-Sahha Pubblika qed jinerpreta u jenforza d-Direttiva 2005/36/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 fir-rigward ta' clinical dental technologists li japplikaw ghal rikonoxximent.

5. Jekk l-imsemmija Direttiva, in kwantu r-rikorrenti bhala partijiet interessati ma nghataw ebda cans li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom qabel it-tehid tad-decizjoni illi l-kors Universitarju jiccekken minn 4 snin ghal 3 snin, bi qbil jew le mal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina, hijiex invalida minhabba l-principju tal-kontradittorju (audi alteram partem) bhala principju generali tad-Dritt Komunitarju ma giex rispettat.

6. Jekk l-imsemmija Direttiva, in kwantu r-rikorrenti bhala partijiet interessati ma nghataw ebda cans li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom qabel it-tehid tad-decizjoni illi l-kors Universitarju jiccekken minn 4 snin ghal 3 snin, bi qbil jew le mal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-

Medicina, hijiex invalida minhabba li l-principji tal-gustizzja kif protetti permezz tal-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma gewx rispettati.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprovdi dwar it-talba ghal riferenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Rat ir-risposta tal-intimat Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina ghar-rikors intavolat mir-rikorrenti fis-27 ta' Frar 2014, fejn ghal darba ohra tressqet talba sabiex issir fil-kawza odjerna referenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea', datata 6 ta' Mejju 2014 a fol 199 tal-process.

1. Illi l-Kunsill esponent izomm ferm mal-pozizzjoni tieghu, skont kif kien ingieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti permezz tan-nota minnu pprezentata b'risposta ghar-rikors precedentement intavolat mir-rikorrenti, u li kien jittratta propju l-kwistjoni odjerna.

2. Illi ssir referenza partikolari ghar-risposta illi kienet giet hekk imressqa f'dan ir-rigward mill-intimat Superintendent tas-Sahha Pubblika, u fejn kien gie osservat illi qabel ma ssir referenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Istat Membru relattiv ghandha tkun f'pozizzjoni fejn tista' tistabbilixxi, *'the factual and legal context of the question.*

3. Illi filwaqt illi r-rikorrenti jsostnu illi issa li huma ressqu l-parti l-kbira mill-provi taghhom *'it-talba ghal referenza preliminari ma tistax tistenna izjed,* jinghad bid-dovut rispett illi din l-Onorabbli Qorti certament ma tinsabx f'pozizzjoni fejn tista' tiddetermina l-kuntest fattwali u legali relattiv ghall-kawza odjerna, b'tali mod illi ssir ir-referenza preliminari hekk kif mitluba mill-istess rikorrenti.

4. Illi f'dan l-istadju din l-Onorabbli Qorti ghandha quddiemha l-verzjoni tal-fatti unikament kif sottomessa mir-rikorrenti. Jigi osservat illi mill-provi illi tressqu sa issa ma jirrizultax l-inkwadru shih tal-fatti relattivi u dan ma jistax isehh sakemm din l-imsemmija Onorabbli Qorti jkollha quddiemha l-verzjonijiet anke tal-intimati rispettivi. Jigi umilment sottomess illi jkun biss f'dan l-istadju illi din l-istess Qorti tkun tinsab f'pozizzjoni illi tiddetermina din il-kwistjoni, b'dan illi tiddeciedi dwar in-necessita' *o meno* illi fil-kawza odjerna ssir referenza preliminari.

Ghaldaqstant, filwaqt illi jigi bir-rispett sottomess illi t-talba mressqa mir-rikorrenti permezz tar-rikors datat is-27 ta' Frar 2014 ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti, il-Kunsill esponent f'dan ir-rigward mill-bqija jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din l-istess Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tas-Superintendent tas-Sahfa Pubblika datata 15 ta' Mejju 2014 a fol 202 tal-process fejn espona :

IIIi permezz ta' rikors li gie notifikat lill-esponenti fid-29 ta' April 2014, ir-rikorrenti talbu li ssir riferenza preliminari fil-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QGUE");

Illi l-esponenti ma jaqbilx illi ghandha tintlaqa' din it-talba, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

A. Il-Qorti m'hix obbligata tilqa' t-talba

Illi qabel xejn, ghandu jigi rilevat illi din l-Onorabbli Qorti mhijiex obbligata, f' dan l-istadju, li tilqa' t-talba tar-rikorrenti *stante* illi huma biss il-Qrati tal-ahhar istanza li ghandhom l-obbligu li jilqghu talba ghal-riferenza preliminari. Infatti, l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea jipprovdi illi:

*Meta l-kwistjoni titqajjem quddiem xi qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru, dik il-Qorti jew tribunal* ***jistghu***, *jekk ikun jidhrilhom li decizjoni fuq dik il-kwistjoni tkun mehtiega sabiex ikunu jistghu jaghtu s-sentenza, jitolbu lill-Qorti sabiex taghti decizjoni dwarha.* (emfazi mizjuda)

Illi, ghaldaqstant, huwa inekwivoku illi din l-Onor. Qorti m'ghandha l-ebda obbligu li tilqa' t-talba ghall-riferenza preliminari u li tista', ghalhekk, tirrifjuta din it-talba.

*B. Ir-Recommendation to National Courts*

Illi *fir-Recommendations to national courts and tribunals in relation to the initiation of preliminary proceedings (2012/C*

338/01) mahrug mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (kopja annessa bhala Dok AM 1) jigi rakkomandat is-segwenti:

*"18. A national court or tribunal may submit a request for a preliminary ruling to the Court as soon as it finds that a ruling on the interpretation or validity of European Union law is necessary to enable it to give judgment. It is that court or tribunal which is in fact in the best position to decide at what stage of the proceedings such a request should be made.*

*19. It is, however, desirable that a decision to make a reference for a preliminary ruling should be taken when the national proceedings have reached a stage at which the referring court or tribunal is able to define the legal and factual context of the case, so that the Court of Justice has available to it all the information necessary to check, where appropriate, that European Union law applies to the main proceedings. In the interests of the proper administration of justice, it may also be desirable for the reference to be made only after both sides have been heard."*

Illi, ghalkemm dan ir-*Recommendation* huwa ta' natura rakkomandattiva biss, u ghalhekk din l-Onor. Qorti tista' taghzel li ma ssegwix ir-rakkomandazzjoni succitata, l-esponenti jissottometti umilment li jkun fl-interess kemm tal-partijiet, kif ukoll fl-interess tal-gustizzja, li din ir-rakkomandazzjoni tigi segwita u illi ghalhekk ir-rikors tar-rikorrenti ma jintalaqax f’ dan l-istadju ta' dawn il-proceduri,

u dan peress illi ghadu ma giex definit *"the legal and factual context of the case";*

Illi, ghandu jigi rilevat ukoll illi *fir-Recommendation* jigi rakkomandat is-segwenti f' paragrafi 22 u 23:

*"22. About 10 pages is often sufficient to set out in a proper manner the context of a request for a preliminary ruling. That request must be succinct but sufficiently complete and must contain all the relevant information to give the Court and the interested persons entitled to submit observations a clear understanding of the factual and legal context of the main proceedings. In accordance with Article 94 of the Rules of Procedure, the request for a preliminary ruling must contain, in addition to the text of the questions referred to the Court for a preliminary ruling:*

*— a summary of the subject-matter of the dispute and the relevant findings of fact as determined by the referring court or tribunal, or, at least, an account of the facts on which the questions referred are based;*
*— the tenor of any national provisions applicable in the case and, where appropriate, the relevant national case-law*
*— a statement of the reasons which prompted the referring court or tribunal to inquire about the interpretation or validity of certain provisions of European Union law, and the relationship between those provisions and the national legislation applicable to the main proceedings.*

L-esponenti jissottometti illi f'dan l-istadju tal-kawza ma' jkunx possibbli li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jigu segwiti bir-reqqa.

C. <u>Nuqqas ta' kjarezza fit-talba rikorrenti</u>

Illi l-iskop ta' riferenza preliminari huwa sabiex Qorti ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea tinghata direzzjoni fuq l-interpretazzjoni ta' ligi tal-Unjoni Ewropea. Ghalkemm ir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom (kif ukoll fir-rikors li permezz tieghu qed tintalab ir-riferenza preliminari) isemmu b'mod generiku id-Direttiva numru 2005/35/EC, huma fl-ebda istanza ma jsemmu liema huma dawk id-dispozizzjonijiet precizi tad-Direttiva li dwarhom hemm bzonn illi tintalab direzzjoni mill-QGUE. Illi *fir-Recommendations to national courts and tribunals in relation to the initiation of preliminary proceedings* (2012/C 338/01) issir ir-rakkomandazzjoni segwenti:

***23. <u>The European Union law provisions relevant to the case</u>*** *should be identified as accurately as possible in the request for a preliminary ruling, which should include, if need be, a brief summary of the relevant arguments of the parties to the main proceedings."*

Illi fuq l-istess linja, ir-Regolament 21(2) tal-Avviz Legali 279 tal-2008 (kif emendat), jipprovdi fir-rigward ta' riferenzi preliminari illi

*Il-Qorti li taghmel ir-referenza ghandha f'dokument wiehed skedat ma' l-ordni: [omissis]*

*(e) tispjega gfialiex qed tintalab decizjoni mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, billi* ***jigu identifikati d-disposizzjonijiet tad-dritt komunitarju li l-effett*** *taghhom jolqot il-kwistjoni;* (enfazi mizjuda)

Illi f' dan l-istadju lanqas ikun possibbli li din l-Onorabbli Qorti tara li s-sub regolament sucittat jigi segwit, *stante* illi mhuwiex car fuq liema bazi qed isiru t-talbiet tar-rikorrenti. Ghandu jigi rilevat ukoll illi skont il-gurisprudenza tal-QGUE, Qorti Nazzjonali qatt m'ghandha taghmel riferenza preliminari f'kazijiet ta' 'acte claire' u cioe' meta l-interpretazzjoni ta' dispozizzjoni ta' dritt Ewropew huwa ovvju. Jigi sottomess illi f'dan l-istadju dan l-accertament lanqas jista' jsir, *stante* illi mhuwiex evidenti fuq liema dispozizzjoni ta' dritt komunitarju qeghidin jistriehu r-rikorrenti.

D. Ir-raba' u l-hames mistoqsijiet

Illi, ghar-rigward tal-mistoqsijiet numru erba' u hamsa proposti fir-rikors tar-rikorrenti, jigi sottomess illi dawn il-mistoqsijiet jirrigwardaw punti ta' dritt li m'humiex imsemmija mkien fir-rikors promotur tar-rikorrenti u illi, in fatti, lanqas hemm talbiet fl-istess rikors li huma konnessi ma' dawn il-mistoqsijiet.

Illi ghaldaqstant, fl-eventwalita' li jintlaqa' r-rikors tal-atturi u ssir riferenza preliminari kif qeghdin jitolbu r-rikorrenti, kwalunkwe risposta li tinghata mill-QGUE ghall-mistoqsijiet numru erba' u hamsa tkun irrileventi ghal-ezitu ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jidhrilha din I-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tal-14 ta’ Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Tonio Azzopardi u Dr Victoria Cuschieri ghall-partijiet prezenti. It-trattazzjoni tad-difensuri Dr Tonio Azzopardi u Dr Victoria Cuschieri dwar ir-rikorsi tal-atturi dwar it-talba ghall-referenza preliminari giet registrata fuq is-sistema eletronika. Waqt it-trattazzjoni dahal Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ghas-Supretendent, u dehret ukoll Dr Alexia Farrugia Zrinzo li qed tassocja ruhha fil-patrocinju tas-Superintendent, li ddikjarat li m'ghandhiex xi zzid mat-trattazzjoni tal-Kunsill.

Il-kawza qed tigi differita ghal digriet fuq l-istess ghad-29 ta' Ottubru 2015 fl-10a.m. Fil-mori kellhom isiru s-seduti diga` ffissati quddiem l-Assistenta Gudizzjarja.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti hekk presjeduta tat-22 ta’ Ottubru 2015 a fol 236 tal-propcess :

*"Il-Qorti,*

*Rat li l-intimati eccipew li mhumiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza ghar-ragunijiet li ddeducew fir-risposti taghhom rispettivament;*

*Billi hi tal-fehma li jenhtieg li din l-eccezzjoni hekk sollevata miz-zewg intimati tigi trattata u deciza qabel ma tipprocedi biex taghti digriet dwar it-talba ghar-riferenza preliminari;*

*Tissospendi d-digriet imsemmi u d-difensuri tal-partijiet ghandhom jidhru fid-differiment li jmiss sabiex jiddikjaraw jekk ghandhomx provi fuq dawn l-eccezzjonijiet sabiex wara l-kaz jithalla ghall-provi u/jew trattazzjoni fuq l-istess."*

Rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha inkluz dak tad-9 ta' Dicembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u r-rapprezentanti rispettivi tal-partijiet. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Victoria Cuschieri, Dr Rose Marie Farrugia u Dr Tonio Azzopardi fuq l-eccezzjoni li ma humiex il-legittimi kontradditturi. Il-kawza giet differita ghall-sentenza *in parte* ghat-12 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti b'surroga.

Illi din hija sentenza *in parte* dwar l-eccezzjoni sollevata miz-zewg intimati rispettivament fejn eccipew li mhumiex il-legittimi kontraditturi ghat-talbiet odjeri.

Illi permezz tar-rikors promotur, il-**Malta Dental Technologists Association,** ghall-fini ta' din is-sentenza imsejha l-MDTA, qed tfittex li jinghata gharfien lill-Clinical Dental Technologists (CDT) maghrufa wkoll bhala Denturists, u l-posizzjoni taghhom tigi regolarizzata, mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta u, in segwitu qed jitolbu li l-intimati jigu ordnati biex jipprocedu ghar-registrazzjoni tal-CDT's rikonoxxuti bhala tali fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sabiex jkunu jistghu jezercitaw il-professjoni taghhom f'Malta. Inoltre l-Assocjazzjoni qed titlob li dawk il-CDT's li jezercitaw il-professjoni taghhom f'Malta jkunu awtomatikament eligibbli ghar-registrazzjoni mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta. L-Assocjazzjoni qed tfittex dikjarazzjoni li CDT jista' jezercita' l-professjoni tieghu/taghha minghajr il-htiega ta' riferenza minn dentist. Inoltre qed titlob li l-*unit course* fl-Universita' ta' Malta m'ghandux jitnaqqas minn erba' (4) snin ghal tliet (3) snin.

Il-premessa fondamentali ghar-rikorrenti hija l-principju tal-moviment hieles ta' servizzi u professjonijiet, partikolarment b'riferenza ghall-*Professional Qualifications Directive* tal-Unjoni Ewropea (2005/36/EC) li tiggarantixxi li persuni li jkunu kisbu kwalifiki professjonali fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jkunu jistghu jezercitaw il-professjoni taghhom fl-Istati Membri. Difatti fil-kors tal-proceduri odjerni, l-

assocjazzjoni pprezentat talba ghar-referenza preliminarji lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJEU) *inter alia* sabiex tinghata interpretazzjoni awtorevoli dwar l-applikabbilita' tad-Direttiva imsemmija ghall-kaz ta' CDT's senjatament tenut kont tal-fatt li l-awtoritajiet tas-sahha qed jirrifjutaw li jaghtuhom rikonoxximent sabiex ikunu jistghu jezercitaw il-professjoni taghhom f'Malta u fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

**Fatti fil-Qosor**

Illi dwar ir-retroxena fattwali sa fejn hu rilevanti ghad-decizjoni odjerna,  huwa pacifiku bejn il-kontendenti li Clinical Dental Technologists ma inghatawx gharfien mill-awtoritajiet tas-sahha u ma jistghux jezercitaw din il-professjoni f'Malta imma huma biss Dental Technicians li huma hekk mgharrfa u registrati. Dan johrog mill-korrispondenza esebita, kif ukoll mix-xhieda ta' **Juliana Mifsud,** Registratur tal-CPCM[1], **David James,**[2] **John Salomone Reynaud**[3]**,** President tal-Malta Dental Tecnologists Association.

Ghal dawn it-talbiet, l-intimat **Superintendent tas-Sahha Pubblika,** wiegeb li mhuwiex il-legittimu kontradittur ghar-rigward ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti, u in kwantu sabiex jintlaqghu dawn it-talbiet jkun hemm bzonn bidla fil-ligi vigenti.

[1] Affidavit a fol 56 tal-process.
[2] Xhieda esebita f ol 63A et seq.
[3] Affidavit a fol. 68.

Il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina (CPCM) ukoll ecepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur *stante* illi t-talbiet attrici mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti effettivament jirrikjedu tibdil fil-provvedimenti tal-ligi illi jirregolaw il-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina. Inoltre b'riferenza ghall-hames (5) talba attrici, lanqas it-tfassil tal-korsijiet universitarji ma jaqa' fil-kompitur tal-Kunsill.

**Provi**

Ghal dak li hu rilevanti ghall-kaz in ezami, r-rikorrent jakkampa fuq dokumentazzjoni ezebita fl-atti li jinkludu korrispondenza ma' Dr Ray Busuttil, Direttur Generali tad-Divizjoni Regolazzjoni Sahha Pubblika, u r-rapporti annwali tal-CPCM.

B'riferenza ghar-Rapport Annwali tas-sena 2011, fil-para 11 tal-istess (fol 117) hemm imnizzel is-segwenti:-

"11. **Request to consider the inclusion of a new profession within the list of professions regulated by the CPCM - Counseling Profession.**

*The Council received information from Dr. R. Busuttil stating that the Association of Counseling Professions has requested to have the Counseling profession to be regulated. He noted that it was decided that such regulation was to be done by the CPCM under the Health Care Professions Act. Dr Busuttil <u>instructed the CPCM to</u>*

*address this issue. He stated that when the Council is ready to start the regulation process he will take the necessary steps to make the necessary amendments to the HCPA." (*enfasi tal-Qorti.).

Jirrizulta wkoll mill-atti li kien hemm korrispondenza bejn l-Assocjazzjoni rikorrenti u Dr Ray Busuttil bil-ghan li CDT's jinghataw gharfien u jigu regolati taht l-Att. F'ittra datata is-7 ta' Mejju 2008 (fol 18) Dr Busuttil wiegeb hekk:

"*The Health Division has evaluated your request and following consultations with experts in the field as well as other related stakeholders it has come to the conclusion that at this stage there is no indication to establish Clinical Dental Technology as a separate regulated Health Care Profession distinct from Dental Technology as currently regulated under the Health Care Professions Act."*

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt.**

Il-kaz odjern jikkonfema gharfien ta' professjoni komplimentari ghall-medicina u bhala tali jaqa' fl-ambitu regolatorju tal-**Kap 464 tal-Ligijiet ta' Malta** (L-Att Dwar il-Professjonijiet tas-Sahha). F'dana l-Att *"professjonist komplimentari ghall-medicina" tfisser "professjonist fil-kura medika li jkollu ismu mniżżel fir-Reġistri ta' Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina msemmija fl-artikolu 28"* (Art.2).

**L-artikolu 28,** imbaghad, jiddisponi li:-

"***28.*** *(1) Il-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina għandu jżomm reġistri separati, dwar kull waħda mill-professjonijiet komplimentari għall-Mediċina elenkati fit-Tielet Skeda, li jkunu magħrufa bħala r-Reġistri ta' Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina, li fihom, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru, ....*"

Skont l-**artikolu 27 (1)** tal-istess Att, il-Kunsill ghall-Professjonijiet Komplimentari ghall-Medicina, li hu imwaqqaf bl-Att, ghandu s-segwenti funzjonijiet:-

*"(a) li jkollu, jippubblika u jaġġorna reġistri li jkollhom x'jaqsmu mal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina, u reġistri speċjalisti tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina skont ma jista' jiġi ordnat, kif ukoll reġistri ta' oqsma speċjali ta' prattika skont ma jista' jiġi stabbilit mill-istess Kunsill;*

*(b) li jippreskrivi u jżomm standards professjonali u etiċi dwar il-professjonijiet komplimentari għall-mediċina;*

*(ċ) li jiġbor dawk id-drittijiet, mingħand professjonisti reġistrati għal reġistrazzjoni tal-bidu u għat-tiġdid ta' kull*

*sena wara dan, skont ma jista’ jiġi ordnat, f’konsultazzjoni ma’ dawk l-assocjazzjonijiet li jistgħu jkunu adatti;*

*(d) fuq talba tal-Ministru jew xort’oħra, li jagħti pariri lill-Ministru dwar kull ħaġa li tolqot lill-professjonijiet komplimentari għall-mediċina;*

*(e) li jwettaq kull funzjoni oħra li tista’ tiġi lilu assenjata b’dan l-Att jew b’xi liġi oħra." S'intendi l-professjoni ta' Clinical Dental Technician mhiex fost dawk elenkati fit-Tielet Skeda tal-Att.*

Il-Ministru responsabbli ghas-Sahha ghandu l-poter delegat li jaghmel regolamenti fil-qasam. Skont ma jirrizulta mill-**artikolu 51 tal-Att:**

***"51.*** *(1) Il-Ministru jista’ jagħmel regolamenti għall-aħjar amministrazzjoni ta’ dan l-Att u għall-aħjar implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tiegħu, u b’mod partikolari jista’ b’dawk irregolamenti :*

*-omissis-*

*(e) jħassar, jemenda jew jissostitwixxi kull Skeda (minbarra l-Ewwel Skeda) li tinsab ma’ dan l-Att;"*

Madanakollu skont **l-artikolu 51 (2):**

*2(2) Qabel ma jsir xi regolament taħt is-subartikolu (1), il-Ministru* ***għandu*** *jikkonsulta ma’, u jitlob il-parir ta’, il-Kunsill*

*rilevanti."* (enfasi tal-Qorti).

F'dak li jikkoncerna s-Superintendent tas-Sahha Pubblika, l-ufficcji tieghu hija imwaqqfa bl-Att Dwar is-Sahha Pubblika (**Kap 465 tal-Ligijiet ta' Malta)** bil-funzjoni u poter imfissra f'termini wiesgha li "*jamministra l-Att."* (**art.3).**

Skont **l-artikolu 4 tal-Att,** il-funzjonijiet tieghu huma s-segwenti:-

***4.*** *Is-Suprintendent huwa responsabbli għas-saħħa pubblika f'Malta u għandu:*
*(a) jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' regolamenti magħmulin taħtu jiġu mħarsa;*
*(b) jiżviluppa u jimplimenta strateġiji biex jippromwovi u jtejjeb is-saħħa pubblika;*
*(ċ) joħroġ standards għas-saħħa pubblika;*
*(d) jagħti pariri lill-Ministru fuq affarijiet li jirrigwardaw is-saħħa pubblika b'mod ġenerali u fuq affarijiet li jirrigwardaw dan l-Att b'mod partikolari;*
*(e) jaqdi kull funzjoni oħra lilu mogħtija b'dan l-Att jew b'kull liġi oħra; u*
*(f) jagħmel kull ħaġa oħra li tista' tkun meħtieġa jew li twassal għat-twettiq aħjar tal-funzjonijiet"*

Skont **l-artikolu 26 tal-Att,** il-Ministru responsabbli ghas-Sahha huwa obbligat li jikkonsulta mas-Superintendent, sabiex jaghmel regolamenti li generalment jirregolaw affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mas-sahha pubblika li jinkludu ukoll disposizzjonijiet li jippreskrivu l-kondizzjonijiet, obbligi

jew ordnijiet marbutin ma’ xi liċenza, reġistrazzjoni jew approvazzjoni meħtieġa *inter alia* fir-rigward ta’ persuna f'materja konnessa mas-sahha pubblika.

L-intimati eccipew li mhumiex il-legittimi kontradittturi ghal dak li qed titlob l-Assocjazzjoni f'din il-kawza peress li m'ghandhomx poter legislattiv biex izidu jew jemmendaw l-Iskeda annessa mal-Kap.464. L-gharfien jinghata billi ssir ammenda f'din l-Iskeda u wara li tigi inkluza professjoni komplimentarji gdida, min huwa ikkawlifikat jista' jinghata *warrant* ossia licenzja, biex jipprattika f'Malta.

L-intimat Superintendent tas-Sahha Pubblika f'nota esebita a fol 249 - 250 tal-process issottometta li s-setghat u r-responsabbilitajiet tal-intimat Superintendent huma delinejati fl-Att dwar is-Sahha Pubblika (Att 465 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk la ghandu s-setgha u lanqas l-obbligu skont il-Ligi li jwettaq dak li qed jintalab mir-rikorrenti.

Il-CPCM,fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, ssottometta li r-rwol tal-Kunsill huwa ristrett u limitat ghall-rwol konsultattiv u m'ghandu ebda poter legislattiv biex jinghata l-gharfien li qed jintalab. Id-decizjoni finali tispetta lill-Ministru. Huwa minnu li l-Kunsill huwa regolatur fil-qasam, izda jirregola dak li hu stabbilit bil-Ligi.

L-abbli difensur tal-Assocjazzjoni ssottometta, izda, li filwaqt li huwa minnu li huwa l-Ministru li jillegisla fil-qasam, ma jistax jinghad li l-intimati huma estranei ghall-process li jista' fl-ahhar mill-ahhar, iwassal ghall-ammenda fil-Ligi. Fil-

fehma tieghu, hemm ingranagg (*gearing)* fil-funzjonijiet u rwoli tal-intimati f'process li fiha l-Ministru huwa anke obbligat bil-Ligi li jikkonsulta maghhom u ma jistax jeddiciedi minghajr ma jwettaq l-obbligu li jikkonsulta.

Is-Superintendent tas-Sahha jirrapprezenta l-Gvern li huwa r-regolatur principali fil-qasam tas-sahha pubblika, u ghalhekk bilfors hu legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. B'riferenza ghall-CPCM il-funzjoni tal-Kunsill kif prattikat u imharsa mill-istess Kunsill hija manifesta fl-estratt mir-Rapport Annwali tas-sena 2011 fuq citat li minnha jirrizulta li il-Gvern innota li t-tip ta' regolamentazzjoni kif qed jintalab illum ghandu jsir mill-Kunsill.

Il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u gharblet l-argumenti sollevati, hija tal-fehma li t-tezi tal-intimati hija wisq simplifikata u tinjora l-apprezzament , konfortata anke mill-ligi stess, li fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-sahha pubblika,l-Ministru mhuwiex l-uniku li ghandu obbligazzjonijiet fil-Ligi biex itejjeb dan il-qasam. Difatti, l-Qorti ma taqbilx mal-argument sollevat mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika li ghandu funzjonijiet limitati u passivi. Anzi l-Ligi stess tghabbih bl-oneru li "jamministra l-Att." Il-funzjonijiet u dmirijiet tieghu mhumiex statici imma ghandu jhares is-sahha pubblika anke billi jgharaf dak li ghandu jsir. Dan hu anke imfisser *ex lege* billi fost il-funzjonijiet tieghu huwa obbligat li jaghti pariri lill-Ministru fuq affarijiet li jirrigwardaw is-sahha pubblika u jiżviluppa u jimplimenta strateġiji biex jippromwovi u jtejjeb is-saħħa pubblika, u johrog *standards* ghas-sahha pubblika.

Harsa lejn il-korrispondenza esebita juri li d-Direttur Generali tas-Sahha Pubblika ma kienx jikkonsidra r-rwol tieghu bhala rwol ristrett skont kif iridna nifhmu llum l-intimat. Anzi fl-ittri lill-Assocjazzjoni u f'dak li johrog mir-rapport Annwali tal-CPCM jirrizulta li d-Direttur, u illum ma hemm xejn li jindika li s-Superintendent huwa f'posizzjoni anqas, jmexxi u jorganizza il-process ta' evalwazzjoni fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-Sahha Pubblika. U hekk ghandu jkun. Il-Qorti hawnhekk taqbel mar-rikorrent fejn jghid li l-Gvern huwa r-regolatur *par excellence* u l-intimat Superintendent tas-Sahha Pubblika jirrapprezenta l-Gvern u ghandu funzjonijiet attivi fil-process ta' regolamentazzjoni. Dawn ghandhom ta' bilfors jinkludu l-valutazzjoni tal-gharfien ta' Clinical Dental Technicians fl-isfond tas-sahha pubblika.

Huwa minnu li l-CPCM ma jillegislax fil-qasam, u lanqas ghandu obbligu li jaghti pariri. Taht dan l-aspett il-Kunsill jista' jargumenta li l-funzjoni tieghu hija wahda passiva fejn tistenna li tigi kkonsultata. Aparti l-konsiderazzjoni li l-konsultazzjoni huwa wkoll parti mill-process legislattiv, ghalkemm mhuwiex wiehed deciziv, jirrizulta mir-rapport annwali li fil-qasam ta' professjonijiet komplimentarji ghall-medicina, l-pariri tal-CPCM jinghataw importanza mill-Gvern. Tant hu hekk li fil-bran fuq citat, id-Direttur huwa rapportat (u dan mhuwiex ikkontestat) li informa lill-Kunsill li jistenna li l-Kunsill ikun lest li jibda l-process regolattiv sabiex jniedi l-ammendi necessarji lill-Att.

Minn dan kollu jirrizulta a soddisfazzjon tal-Qorti li fil-qasam tas-sahha pubblika, li hu necessarjament qasam li ihares 'il quddiem u jiddependi fuq l-operaturi esperti kollha fil-qasam, il-process legislattiv mhuwiex biss u unikament wiehed linejari imma, almenu f'dak li jikkoncerna l-intimati, it-tnejn huma *important cogs in the wheel* li jiehdu inizjattiva u sehem attiv.

F'kaz iccitat mir-rikorrenti, fl-ismijiet **Anthony Ellul Sullivan noe v Agent Registratur tal-Bastimenti Merkantili et noe et** (App.Kumm. - 26 ta' Gunju 1987), il-Qorti ikkonfermat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc u irriteniet li "*biex parti konvenuta tigi deskritta bhal li m'ghandhiex 'locus standi' fil-gudizzju billi mhux legittimu kontradittur, il-kwistjoni trid tkun verament wahda li ma tkunx tirrigwardah bhallikieku kienet ' res inter alios acta."* Il-Qorti f'dak il-kaz, sabet li ma setghetx tqis li l-funzjonijiet tar-Registratur taht il-*Merchant Shipping Act* kienu ta' semplici skrivan u ma setax l-intimat jippretendi li l-ordnijiet li setghu jinghataw mill-qorti qishom ma jirrigwardawh xejn.

Il-Qorti tabbraccja dan l-insenjament. Fil-kaz in dezamina, jekk wiehed ihares lejn it-talbiet kif ifformulati, l-ewwel talba hija talba sabiex l-intimati jigu ordnati li "*jiehdu l-azzjoni mehtiega sabiex CDT's jinghataw gharfien mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta."* Din it-talba bilfors tolqot lill-intimati li huma parti minn dawk l-awtoritajiet u mill-process legislattiv dejjem entro l-parametri tal-ligi.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet, il-Qorti taghraf li l-intimati wahidhom ma jistghux jaslu ghat-tibdil li dawn it-talbiet jirrikjedu ghaliex id-decizjoni trid tittiehed mill-Ministru ikkoncernat izda jaqghu fil-parametri tal-funzjonijiet tal-intimati kif fuq delinejati. Inoltre r-rikorrenti qed jitolbu riferenza preliminari lill-CJEU, liema talba ghadha pendenti. F'kaz li tigi akkolta, u f'kaz li l-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea taghti l-interpretazzjoni taghha kif pretiza mir-rikorrenti, jista' jkun li s-sitwazzjoni tinbidel billi l-Istat ikun marbut mal-interpretazzjoni moghtija. Ir-raba' talba hija konsegwenzjali ghat-talbiet precedenti u japplika l-istess ragunament.

Riferibbilment ghall-hames (5) talba, il-Qorti taqbel li ghalkemm il-kwalifiki akkademici huma part mill-gharfien li jinghata lill-professjoni, it-tfassil tal-korsi universitarji ma jaqghux fl-ambitu tal-intimati u ghalhekk l-intimati mhumiex il-legittimi kontradittturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimati li mhumiex il-legittimi kontradittturi f'din il-kawza limitatament ghall-hames (5) talba attrici u b'hekk tilliberahom mill-osservanza tal-istess, tichad l-istess eccezzjoni minnhom sollevati fir-rigward tat-talbiet l-ohra.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

*12 ta' Jannar 2016.*

**L-ispejjez jigu sopportati kwantu ghall-terz(1/3) minn kull wiehed mill-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**12 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Jannar 2016**